30 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Nobbli Frances Mary Chesney Sceberras D'Amico

*versus*

Onor. Edgar Cuschieri ne. et

**Espropriazzjoni — Fedekomess — "Feudo" — Azzjoni — Eċċezzjoni — Interess — Dikjarazzjoni — Gvern — Kjamata fil-Kawża — Art. 960 tal-Proċedura Ċivili — Att XII ta' l-1950 — Kap. 136**

*Rekwiżit imprexindibbli ta' kull azzjoni huwa l-interess f'min jipproponiha; u dan l-interess hemm bżonn li jkun konkret, u sussistenti di fronti għal dak li jiġi magħżul mill-attur bħala leġittimu kon-*

*traditur tiegħu. Jiġifieri, il-konvenut għandu jkollu nteress fil-kawża, peress li għall-konvenut l-interess huwa l-miżura tal-eċċezzjoni.*

*Jekk il-Gvern ikun esproprija biċċa art, u jkun ottjena mill-Land Arbitration Board it-trasferiment b'xiri assolut ta' dik il-biċċa art bħala suġġetta għal fedekommess primoġenjali, u xi parti interessata f'dik l-art in segwitu tqajjem quddiem dak il-Board kwistjoni dwar in-natura tal-art, fis-sens li tallega li dik l-art hija fewdali, u mhux fedekommissarja, u għalhekk mhix suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Abolizzjoni tal-Fedekommessi, u l-Gvern jikkontesta dik l-allegazzjoni, u għalhekk il-Board jirrimetti d-definizzjoni tal-kwistjoni dwar in-natura tal-art espropriјata lit-tribunal ordinarju, il-Gvern għandu nteress li jkun parti f'l-kawża li mbgħad issir minn dik il-persuna nteressata biex tiġi definita l-kwistjoni minnha sollevata.*

*Azzjoni simili, biex il-fond jiġi dikjarat fewdali u mhux fedekommissarju, mhux neċessarjament għandha ssir kontra l-possessur tal-art, bħal ma kien ikun il-każ kieku si trattava ta' azzjoni rivendikatorja; imma jekk il-Qorti tħoss li l-preżenza ta' dak il-possessur f'azzjoni simili hija spedjenti, il-Qorti tista' tipprevali ruħha mill-poteri li tagħtiha l-liġi u tordna s-sejħa fil-kawża ta' dak il-possessur tal-art.*

*Għalkemm azzjoni simili għandha bħala oġġett sempliċi dikjarazzjoni, u ebda kundanna, dik l-istanza tista' timxi l-quddiem; għaliex fil-prattika ġudizzjarja tagħna, bażata fuq id-dottrina estera, kuma rikonoxxuti ġudizzji simili, intiżi għall-otteniment ta' dikjarazzjonijiet pre-ordinati għal domanda oħra definittiva u finali; purke' d-domanda jkollha riżultat utili u prattiku, tendenti biex jiġi eliminat konflitt ta' interessi u ta' drittijiet.*

Il-Qorti;— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, billi b'sentenza tal-Board tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, mogħtija fid-19 ta' Ġunju 1954 fil-kawża "Onor. Edgar Cuschieri nomine vs. Baruni Alexander J. Sceberras D'Amico Inguanez", ġie ordnat it-trasferiment lill-imsemmi Onorevoli Cuschieri nomine, b'xiri assolut, tal-biċċa art f'Ħad-Dingli formanti parti mill-artijiet fil-limiti ta' Ħad-Dingli "Ix-Xagħra tal-Ghedrin", deskritta fl-istess sentenza, li kkunsidrat l-imsemmi fond sempliċement bħala fond ġa suġġett għall-primoġenitura, u kwindi regolat mill-Att XII tal-

1950; u billi fil-fatt l-imsemmi fond jappartjeni kollu lill-fewdo nobbli "ta' Djar il-Bniet", sive "de Irbniet", oriġinarjament konċess minn Luigi, Re ta' Siċilja, fis-sena 1350, lil Francesco Gatto u lid-dixxendenti tiegħu "in perpetuo" (dok. A); u billi b'digriet tal-21 ta' Jannar 1955 tal-imsemmi *Board*, ġie *prefiss iż-żmien ta' xahar* lill-attriċi biex tiddeduċi quddiem it-tribunal ordinarju l-pretensjoni tagħha illi l-Att XII tal-1950, ta' abolizzjoni tal-fedekommessi, ma jolqotx il-fewdi, u *kwindi ma jolqotx* l-imsemmija art; u billi n-natura ta' fewdo dipendenti minn konċessjoni sovrana hija għal kollox differenti minn istituzzjoni ta' fedekommess dipendenti minn dispożizzjoni privata, u għalhekk l-imsemmi Att XII tal-1950, illi fl-ebda parti tiegħu ma jsemmi l-fewdi, ma għandux jiġi kunsidrat illi jestendi għalihom l-abolizzjoni tal-fedekommessi; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talbet li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmi fond mhux suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att XII tal-1950, imma baqa' u għandu jibqa' regolat mill-liġijiet li jiggovernaw il-fewdi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur tad-domanda dedotta *fiċ-ċitazzjoni; difatti*, bħala awtorità kompetenti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 136), huwa għandu nteress fl-eżitu tal-kawża stess; mill-banda l-oħra, iekk l-eċċipjent huwa konvenut għall-interess ġenerali li jista' jkollu l-Gvern fil-kwistjoni, l-eċċipjent huwa persuna illeġittima biex jogħod fil-kawża, billi huwa jista' jirrappreżenta lill-Gvern fil-ġudizzju f'dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' l-amministrazzioni ordinaria ta' dak id-Dipartiment li qiegħed taħt id-direzzjoni tiegħu; u subordinatament, u fil-meritu, illi l-eċċipient jistenna qabel xejn il-provi u s-sottomissionijiet ta' l-attriċi;

Rat il-verbal tal-5 ta' Mejju, 1955, (fol. 9), fejn id-difensuri llimitaw ruħhom għat-trattazzjoni tal-preġudizzjali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita preġudizzjali;

Illi rekwiżit imprexindibbli ta' kull azzjoni huwa l-interess ta' min jipproponina; u dana l-interess hemm bżonn li jkun konkret, u sussistenti di fronti għal dak li jiġi magħżul mill-attur bħala kontradittur tiegħu. Jiġifieri l-konvenut għandu jkollu nteress fil-kawża, peress li anki għall-konvenut l-interess huwa l-miżura tal-eċċezzjoni (Kollez. XXIV-II-627). "Le parti", jgħid Mattirolo, "debbono essere capaci di stare in giudizio; e la capacità è necessaria così per riguardo alla condizione personale dell'attore e del convenuto, come in rapporto all'oggetto dedotto in controversia" (Diritto Giudiziario, Vol. I, §924, not. 5). Għalhekk jeħtieġ li ssir l-indaġini jekk il-konvenut għandux jew jistax ikollu nteress fil-kawża kif proposta mill-attriċi; u għal dan l-iskop jeħtieġ li jiġu riassunti ċ-ċirkustanzi li wasslu lill-attriċi tagħmel dina l-kawża;

Illi b'sentenza tal-19 ta' Gunju 1954 tal-Land Arbitration Board, fuq talba tal-konvenut Onorevole Cuschieri bħala Teżorier tal-Gvern, dan kien ottjena, fil-konfront tal-imsemmi Baruni D'Amico Inguanez, it-trasferiment b'xiri assolut tal-biċċa art deskritta fiċ-ċitazzjoni, bħala suġġetta għall-fedekommess primoġenjali; iżda fis-sentenza ma kienx ġie nominat kuratur biex jirrappreżenta l-futuri vokati f'dak il-fedekommess relattivament għan-nuda proprjetà tan-nofs indiviż ta' dik l-art. B'rikors tat-30 ta' Awissu 1954 il-konvenut talab, "inter alia", li l-kuratur ġa nominat fis-sentenza għall-kuntumaċi jidher ukoll għall-futuri vokati, jew inkella jiġi nominat kuratur ieħor għal dan l-iskop. Dan ir-rikors ġie mill-konvenut, mingħajr ordni espress mill-Board, notifikat anki lill-attriċi; u din, b'risposta tal-15 ta' Settembru 1954, eċċepiet illi l-proċeduri definiti bis-sentenza tad-19 ta' Gunju 1954 ma għandhom ebda validità legali, għax ma sarux anki fil-konfront tagħha għal dak li jirrigwarda n-nofs indiviż tal-art in kwistjoni; u dan apparti l-indoli prettament fewdali ta' l-istess art. Il-konvenut, bir-replika tiegħu tal-15 ta' Ottubru 1954, ikkontesta l-pretensjoni tal-attriċi, u ssottometta li ma hemmx dubju li l-imsemmi territorju, bħal fondi

oħra, huwa suġġett għall-liġijiet ta' Malta u kolpit mill-liġijiet tal-esproprjazzjoni u mid-dispożizzjonijiet tal-Att XII tal-1950. Fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru 1954 id-difensuri ttrattaw l-imsemmi rikors tat-30 ta' Awissu 1954, u ġiet ukoll diskussa l-kwistjoni dwar in-natura tal-fond, u saħansitra l-konsegwenzi li jistgħu jidderivaw jekk il-fond jirriżulta fewdali; u in segwitu għal dik id-diskussjoni, u impjantata l-kwistjoni b'dan il-mod, il-Board, wara li kkunsidra illi sostanzjalment l-oppożizzjoni tal-attriċi kienet tikkonsisti f'dan, illi l-fond mhux soġġett għall-fedekommess, iżda għal fewdo istitwit mis-Sovrani li allura kienu jirrenjaw fuq dawn il-Gżejjer, bil-konsegwenza li l-abolizzjoni tal-fedekommessi sanzjonata bl-Att XII tal-1950 ma tolqotx il-fond in kwistjoni, u wara li rrileva illi dina l-kwistjoni kienet teżorbita mill-obbjett speċjali u eċċezzjonali li għalih ġie kostitwit il-Board, ippreffiġġa lill-attriċi xahar żmien biex tiddeduċi l-pretensjoni tagħha quddiem it-tribunal ordinarju. U kien għalhekk li l-attriċi għamlet il-kawża odjerna;

Illi miċ-ċirkustanzi premessi jidher biċ-ċar illi l-konvenut għandu nteress fil-kawża. Difatti, il-proċedura quddiem il-Board ġiet provokata minnu, u għalhekk huwa, aktar minn ħadd ieħor, għandu nteress li tkun valida u li tiġi eżegwita skond il-liġi. Di pjù, kien il-konvenut li esplicitament ikkontesta l-pretensjoni tal-attriċi, u anki għalhekk biss l-attriċi kellha tiddeduċi dik il-pretensjoni kontra tiegħu;

Illi ma tiswiex l-obbjezzjoni, opposta mill-konvenuta fid-dibattitu orali, li l-azzjoni kien imissha ġiet proposta kontra l-possessur tal-art, il-Baruni D'Amico Inguanez. Kienet tkun indispensabbli l-preżenza tal-possessur fil-każ li l-attriċi eżerċitat l-azzjoni rivendikatorja; imma l-azzjoni odjerna hija ta' natura diversa, u hija ntiża unikament biex tiġi stabbilita in-natura tal-fond, fis-sens li l-fond mhux fedekommessarju, imma fewdali, u għalhekk mhux soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Att XII tal-1950; u peress li l-kontestazzjoni dwar in-natura tal-fond, u kwindi anki

tad-drittijiet tal-attriċi fuq l-istess fond, ġiet mill-konvenut, l-attriċi kellha taġixxi kontra l-istess konvenut;

Illi, għalkemm l-istanza odjerna għandha bħala oġġett sempliċi dikjarazzjoni, u l-ebda kundanna, ormai fil-prattika ġudizzjarja tagħna, bażata fuq id-dottrina estera, huma rikonoxxuti ġudizzji simili, intiżi għall-otteniment ta' *dikjarazzjonijiet preordinati* għal domanda oħra definittiva u finali; basta illi d-domanda jkollha riżultat utili u prattiku, tendenti biex jiġi eliminat konditt ta' interessi u ta' drittijiet (*Kollez.* X, *290*, u XXXII-II-*280*). Issa, fil-każ tagħna, l-utilità hija evidenti, tant għall-attriċi, biex toħroġ il-fond mis-soġġezzjoni għall-fedekommess pretiża mill-konvenut, kemm għall-istess konvenut, biex il-fond ikun dikjarat fedekommissarju, u *kwindi soġġett għad-dispożizzjonijiet* tal-Liġi ta' l-Esproprjazzjoni u partikolarment għall-art. 10(1) ta' l-Ordinanza relattiva (Kapitlu 136 tal-*Liġijiet ta' Malta*). Ma għandux jintnesa illi l-proċeduri quddiem l-imsemmi Board għandhom bħala presuppost espliċitu illi l-fond esproprjat huwa ta' natura fedekommissarja, mentri skond l-attriċi n-natura tiegħu hija fewdali u ben diversa minn natura fedekommissarja; u dana l-kambjament, jekk l-attriċi tirnexxi fl-intent tagħha, ma jistax ma jkollux xi riperkussjoni fuq l-imsemmijin proċeduri quddiem il-Land Arbitration Board;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, u sabiex jiġu salvagwardati dawk il-proċeduri, kif ukoll biex tiġi evitata kwalunkwe eventwali molteplicità ta' ġudizzji, hu xieraq u spedjenti illi f'din il-kawża jkun preżenti anki l-possessur attwali tal-fond, il-Baruni Alexander Jan D'Amico Inguanez; u l-Qorti sejra tipprevali ruħha, għal dan il-fini, mill-poter lilha mogħti mill-art. 960 (Proċ. Ċiv.);

Illi, ladarba l-konvenut għandu nteress fil-kawża, mingħajr dubju huwa wkoll persuna leġittima skond id-definizzjoni ta' "competent authority" kontemplata fl-art. 2 tal-Kapitlu 136 fuq ċitat;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenut nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U billi tirritjeni, kif ingħad, li l-Baruni Alexander Jan D'Amico Inguanez jista' jkollu nteress f'din il-kawża, tordna li, a kura u bi spejjeż provviżorjament tal-attriċi, jiġi msejjaħ fil-kawża l-imsemmi Baruni Alexander Jan D'Amico Inguanez, biex jidher fl-udjenza ta' l-ewwel ta' Diċembru, 1955; għal liema ġurnata qegħedha tiġi differita l-kawża;

Spejjeż riżervati.